14 ta' Mejju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Giuseppa Scicluna *versus* Carmela Vella

## Aċċettazzjoni ta' Eredità — Rinunzja — Atti ta' Eredi — Mara — Liċenza ta' Ħanut — Spejjeż Funerarji — Inventarju — Art. 910 tal-Kodiċi Ċivili

*Tirrikorri l-aċċettazzjoni taċita ta' eredità meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd li jagħmel dak l-att jekk mhux bħala werriet; jiġifieri illi l-att irid ikun tali li jimplika b'mod neċessarju u inekwivokabbli f'min jagħmlu l-volontà li jaċċetta l-eredità.*

*Jekk l-atti li minnhom trid tiġi deżunta l-aċċettazzjoni taċita tal-eredità jkunu saru mir-raġel li martu hija l-werrieta, dawk l-atti ma jistgħux jiġu nterpretati bħala aċċettazzjoni tal-wirt da parti ta' martu.*

*Il-fatt li mara tkun aċċettat illi l-liċenza ta' ħanut li kellu missierha ddur fuq isimha ma jimplikax neċessarjament li hija aċċettat il-wirt ta'*

*missierha, jekk ma tirriżultax l-intenzjoni tagħha li taċċetta dak il-wirt.*

*Lanqas il-fatt li talvolta l-mara tkun ħallset l-ispejjeż tar-rikoveru ta' missierha fl-isptar, u dak li tkun ħallset l-ispejjeż tal-funeral tiegħu, ma jinduċu aċċettazzjoni tal-wirt tiegħu da parti tagħha. Id-dispożizzjonijiet li wieħed jieħu għall-funerali, u l-atti sempliċement konservativi jew ta' amministrazzjoni provviżorja, ma jimpurtawx aċċettazzjoni tal-wirt, jekk min jagħmilhom ma jkunx assuma l-kwalità ta' eredi.*

*Huwa veru illi l-liġi tiddisponi li min ikun imsejjaħ għal wirt, u jkollu fil-fatt il-pussess tal-ħwejjeġ tal-wirt, jitlef, wara tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew minn dak inhar li jkun sar jaf li l-wirt imiss lilu, il-jedd li jirrinunzja għall-wirt, kemm il-darba ma jkunx osserva d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-inventarju; imma din id-dispożizzjoni tippresupponi f'dak li jkun li jkollu l-pussess tal-ħwejjeġ ereditarji, u mhix applikabbli għall-imsejjaħ għall-wirt li qatt ma kellu pussess ta' dawk il-ħwejjeġ.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attriċi, wara li tippremetti illi żewġha, l-imsemmi Lorenzo Scicluna, miet, u ħalla superstiti lill-konvenuta, bintu mill-ewwel żwieġ; u illi l-istess Lorenzo Scicluna, fl-okkażjoni taż-żwieġ, b'kuntratt riċevut minn Nutar Dottor Mario Bonello fil-5 ta' Settembru 1951 (dok. A), ippromettielha £50 dotarju; u illi mal-mewt tal-imsemmi Lorenzo Scicluna vverifikat ruħha l-kondizzjoni li għaliha kienet suġġetta l-imsemmija promessa, u għalhekk is-somma ta' £50 fuq riferita saret ta' esklużiva spettanza tagħha; titlob illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenuta tkun kundannata tħallasha s-somma ta' £50, bl-imgħax legali, import tad-dotarju fuq riferit. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Lulju 1954, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi hi armla minn Lorenzo Scicluna, li bi skrittura ante-nuzjali fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bonello tal-5 ta' Settembru 1951, kien ippromettielha bħala dotarju s-somma ta' £50. Ir-raġel tal-attriċi miet fil-11 ta' Ġunju 1954, kif jidher mingħajr testment, u ħalla tifla waħda, il-konvenuta, li hi bintu mill-ewwel żwieġ tiegħu ma' Virginia mwielda Micallef, li magħha żżewweġ fis-7 ta' Awissu 1920. L-attriċi tippretendi li l-konvenuta hi eredi ta' l-imsemmi Lorenzo Scicluna; u għalhekk b'din l-kawża qegħedha titlob il-ħlas minn għandha ta' £50, import tad-dotarju fuq imsemmi. Il-konvenuta tallega li hija mhijiex eredi ta' missierha, u fil-mori tal-kawża hija formalment irrinunzjat għas-suċċessjoni tiegħu b'nota preżentata fis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru 1956;

Illi l-attriċi tissottometti li dik ir-rinunzja l-konvenuta għamlitha aktar minn sentejn wara l-mewt ta' missierha, u wara li hija kienet ġa mmiskjat ruħha fl-eredità tiegħu, billi wara l-mewt ta' Lorenzo Scicluna l-ħanut tal-laħam li huwa kellu, bl-attrezzi kollha ta' ġo fih, ippervenew lilha, u kienet ukoll hija li ħallset l-ispejjeż tal-funerali ta' missierha;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li fl-aħħar disgħa xhur ta' ħajtu Lorenzo Scicluna kien marid u barra mid-dar; u f'dak il-perijodu l-ħanut tal-laħam, li huwa minn dejjem kellu, kien miżmum magħluq. Meta kien l-isptar marid, huwa kien sejjer iwelli l-ħanut lil Emmanuele Agius, u meta ma ntlaħaqx ftehim fuq il-prezz, ried anki jagħtihulu b'tant kulljum; imma Agius ma aċċettax. Lorenzo Scicluna, fil-31 ta' Marzu 1954, bagħat jitlob lil Giovanni Sacco, sid il-ħanut, biex minn dak inhar il-quddiem jibda jirrikonoxxi bħala inkwilin tal-ħanut lill Emmanuele Vella, ir-raġel tal-konvenuta, minfloku. Sacco aċċetta, u r-raġel tal-konvenuta beda u kompla jiddetjeni dak il-ħanut, għalkemm l-istess għadu jinsab miżmum magħluq. Il-liċenza tal-istess ħanut kienet minn dejjem, minn meta beda jiġġestieħ l-imsemmi Lorenzo Scicluna, u għadha, f'isem Giorgina Cini, għal-

kemm il-kera kien jitħallas minn dan l-aħħar, u attwalment qiegħed jitħallas mir-raġel tal-konvenuta;

Illi minn dan li ntqal ma jirriżultax li l-konvenuta mmiskjat ruħha b'xi mod fl-eredità ta' missierha; għaliex l-inkiwilinat tal-ħanut ma ħaditux hija, iżda ħadu żewġha; u lanqas kieku ħaditu hija, dak l-att ma kienx jimporta, waħdu, aċċettazzjoni ta' eredità, billi, kif ġie ritenut, tirrikorri l-aċċettazzjoni ta' eredità meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd li jagħmel dak l-att jekk mhux bħala werriet; jiġifieri li l-att irid ikun tali li jimplika b'mod neċessarju u inekwivokabbli f'min jagħmlu l-volontà li jaċċetta l-eredità (Vol. XXXVI-II-478). Issa, apparti li dak l-att sar mir-raġel tal-konvenuta, u mhux minnha stess, u l-att tar-raġel ma jista' jkun qatt interpretat kontra martu bħala aċċetazzjoni tal-wirt mill-parti tagħha (Vol. XXIX-II-192), hu żgur li dak l-att sar fil-ħajja ta' Lorenzo Scicluna, minbarra li mhux att li jimporta neċessarjament l-intenzjoni ta' aċċettazzjoni ta' eredità;

Illi Lorenzo Scicluna miet fl-Isptar tal-Imgieret, u wara mewtu nbgħat kont tal-ispejjeż tar-rikoveru tiegħu f'dak l-isptar u tal-ispejjeż tal-funerali lill-attriċi, li, billi ma kellhiex minn fejn tħallas dawk l-ispejjeż, ħallashom ir-raġel tal-konvenuta. Anki hawn, l-att tal-ħlas sar minn Emmanuele Vella, u mhux mill-konvenuta; u anki kieku sar minnha, dak l-att ma jimportax aċċettazzjoni ta' eredità, għaliex id-dispożizzjonijiet li wieħed jieħu għall-funerali u l-atti sempliċement konservativi jew ta' amministrazzjoni provviżorja ma jimportawx aċċettazzjoni tal-wirt, jekk min jagħmilhom ma jkunx assuma l-kwalità ta' eredi (Vol. XXX-II-256);

Illi l-attriċi bħal speċi tikkontesta l-effikaċja tar-rinunzja magħmula mill-konvenuta għall-eredità ta' missierha, billi l-istess saret aktar minn tliet xhur wara l-mewt tiegħu; u dan, preżumibilment, in bażi għall-art. 910 tal-Kodiċi

Ċivili, li jiddisponi illi l-imsejħin għall-wirt, li jkollhom fil-fatt il-pussess tal-ħwejjeġ tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew minn dak inhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja għal dak il-wirt, kemm il-darba ma jkunux imxew skond id-dispożizzjonijiet dwar il-benefiċċju tal-inventarju; u jitqiesu bħala werrieta mingħajr dan il-benefiċċju, ukoll jekk kontra dan jgħidu li huma jippossjedu dawk il-ħwejjeġ taħt titolu ieħor. Evidentement, però, din id-dispożizzjoni tal-liġi ma tapplikax għall-konvenuta, jekk mhux għal ħaġ'oħra, għaliex hija qatt ma kellha fil-pussess tagħha l-ħwejjeġ tal-wirt ta' missierha. F'dan ir-rigward, anzi, mhux ta' min jonqos li jgħid li fuq l-attrezzi ta' ġo l-ħanut fuq imsemmi l-konvenuta jista' jkollha xi drittijiet bħala werrieta ta' ommha Virginia, l-ewwel mara ta' Lorenzo Scicluna, li fi żmien il-ħajja tagħha dawk l-attrezzi ġew, jekk mhux kollha, in parti mixtrija minn Lorenzo Scicluna;

Illi għalhekk, billi l-attriċi ma ppruvatx li l-konvenuta għamlet xi att li jammonta għal aċċettazzjoni tal-wirt ta' missierha, l-istanza, kif minnha dedotta kontra l-konvenuta, ma tistgħax tiġi milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi t-talba tal-attriċi; bl-ispejjeż kontra tagħha.